MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Appell Civili Numru. 1921/1995/1

**Sunspot Tours Limited**

**V.**

**C.H. Caterers Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

B’citazzjoni tas-16 ta’ Novembru, 1995 is-socjeta` attrici ppremettiet illi l-kontendenti kienu dahlu f’kuntratt (Allocation Agreement), kopja ta’ liema kien anness u markata Dok. A, li permezz tieghu s-socjeta` attrici obbligat ruhha li talloggja diversi turisti klienti taghha tul il-perjodu pattwit fil-lukanda The New Cartwheel Hotel, f’Bugibba, filwaqt li s-socjeta` konvenuta obbligat ruhha li taghti l-facilitajiet u akkomodazzjoni fil-lukanda in kwistjoni matul l-istess perjodu u dan taht id-diversi pattijiet u kundizzjonijiet indikati fl-istess kuntratt; illi ghall-ahhar tal-elf disa’ mija u erbgha u disghin (1994) is-socjeta` konvenuta infurmat lill-istanti li l-lukanda kienet ser taghlaq sabiex isir xoghol ta’ “refurbishment” u dan ix-xoghol kellu jdum ghaddej sa April tal-elf disa’ mija u hamsa u disghin (1995) f’liema zmien imbaghad il-lukanda kienet ser tigi allokata lill-Tour Operator tedesk; illi l-istanti kien gja kellha diversi bookings ghal dan il-perjodu in kwistjoni u nonostante diversi interpellazzjonijiet mibghuta minnu lis-socjeta` konvenuta, din ma tatx kashom. Fic-cirkostanzi l-atturi ma kellhom l-ebda alternattiva hlief li jsibu alloggjar u akkomodazzjoni alternattiva ghall-istess klienti u f’hafna kazijiet b’rati ghola minn dawk li kienu gja gew miftehma u mhallsa mill-klienti taghhom b’dan ghalhekk li hargu d-differenza sabiex jonoraw l-obbligi taghhom fil-konfront ta’ dawn it-terzi; illi ghalhekk is-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-istanti konsegwenza tal-agir u inadempjenza kontrattwali tieghu kif del resto gie espressament pattwit fil-kuntratt skond il-klawsola numru disgha; kien ghalhekk li s-socjeta`attrici talbet li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli lejn is-socjeta` attrici ghad-danni rizultanti mill-inadempjenza kuntrattwali billi tterminat unilateralment l-istess kuntratt u naqset li tonora l-obbligi minnha assunti fl-istess kuntratt;

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici;

3. tikkundannaha thallas l-ammont hekk likwidat in linea ta’ danni.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut u bl-imghax legali kontra tieghu.

B’nota ipprezentata fid-29 ta’ Jannar, 1996 is-socjeta` konvenuta eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu respinti, bl-ispejjes kontra s-socjeta` attrici, stante illi ma huwiex minnu li s-socjeta` esponenti kkawzat id-danni pretizi mill-istess socjeta` attrici, kif jigi pruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-provi migbura fil-kawza.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, kienet fi kwalunkwe kaz l-istess socjeta` attrici illi, fl-indempjenza tal-obbligi taghha kuntrattwali, kkagunat it-terminazzjoni tal-kuntratt bejn il-kontendenti.

Fil-mori tal-proceduri quddiem l-ewwel qorti, wara li fl-udjenza tal-15 ta’ Marzu, 2000, is-socjeta` konvenuta kienet iddikjarat li ma kellhiex provi aktar, fl-udjenza tat-28 ta’ April, 2000 is-socjeta` konevnuta nfurmat lill-Qorti li kienet ser tipprezenta eccezzjoni ulterjuri. Kien ghalhekk li fit-18 ta’ Mejju, 2000 b’rikors ipprezentat mis-socjeta` konvenuta din talbet li, ghar-ragunijiet moghtija fl-istess rikors, tigi awtorizzata teccepixxi r-*res judicata* fil-konfront tat-talbiet attrici u dana in vista tas-sentenza moghtija fit-23 ta’ Ottubru, 1995 fil-kawza fl-ismijiet “Carmelo Bonello ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` C.H. Caterers Limited vs Peter Sultana ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Sunspot Tours Limited” (Citazzjoni nru 441/95 FGC). Wara in-notifika tal-kontro-parti u r-risposta tal-istess presentata fit-2 ta’ Gunju, 2000 il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet din it-talba tas-socjeta` konvenuta billi qalet “*F’dan l-istadju tichad it-talba*”. Il-kawza ghalhekk thalliet ghan-noti ta’ osservazzjonijiet tal-kontendenti, liema noti ma gewx ipprezentati u l-kawza giet deciza fis-seduta tal-31 ta’ Jannar, 2001.

**Is-sentenza appellata.**

Bis-sentenza fuq imsemmija l-Prim Awla tal-Qorti Civili filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, laqghet it-talbiet attrici u ddikjarat li l-konvenuti huma responsabbli

ghad-danni rizultanti mill-inadempjenza kontrattwali billi tterminaw unilateralment l-istess kuntratt u naqsu li jonoraw l-obbligi minnhom assunti fl-istess kuntratt; illikwidat l-istess danni sofferti mis-socjeta` attrici fl-ammont ta' LM9,427.56 u kkundannat lill-konvenuti jhallsu l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni lill-atturi, bl-imghax u bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors ipprezentat fl-20 ta' Frar, 2001 interponiet appell lil dina l-Qorti fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbet li din il-Qorti, fl-ewwel lok tannulla u tirrevoka d-digriet moghti mill-ewwel qorti fit-8 ta' Gunju, 2000, illi permezz tieghu l-istess Qorti cahdet it-talba tas-socjeta` appellanti ghall-prezentata ta' nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri, u minflok takkolji l-istess talba tas-socjeta` appellanti u tawtorizzaha tressaq l-eccezzjoni ulterjuri ta' *res judicata* fl-atti tal-proceduri odjerni; u konsegwentement tannulla, thassar u tirrevoka wkoll is-sentenza appellata tal-31 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet premessi u minflok, prevja li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta appellanti, tichad it-talbiet attrici – bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata.

B'risposta tas-27 ta' Frar 2001 is-socjeta` attrici appellata filwaqt li sostniet li s-sentenza hija gusta talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din tigi konfermata minn din l-Qorti.

**L-aggravji tas-socjeta` konvenuta appellanti.**

L-aggravji tas-socjeta` appellanti jikkoncernaw:-

a) ic-cahda tat-talba taghha li tressaq eccezzjoni ulterjuri ta' *res judicata,* - liema aggravju gie kunsidrat f'sentenza preliminari ta' din il-Qort tas-16 ta' Dicembru, 2003, kif hawn taht riportat;

b) in-nuqqas ta' l-ewwel qorti li taghmel apprezament korrett dwar minn mill-kontendenti kien effettivament

responsabbli ghall-inadempjenza tal-obbligazzjonijiet kontrattwali naxxenti mill-ftehim tal-4 ta' Mejju 1995.

c) In-nuqqas ta' l-ewwel qorti li taghmel valutazzjoni korretta dwar il-pretensjoni tas-socjeta` appellata ghall-hlas tad-danni allegatament ikkawzati mis-socjeta` appellanti, u

d) Il-fatt li l-ammont ta' LM588.30 "*compensation payment"* gie inkluz darbtejn.

**Ikkunsidrat,**

Fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru, 2003, il-kontendenti gew mistiedna minn din il-Qorti jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom dwar l-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti u cioe` dak riferibilment ghad-digriet moghti mill-Ewwel Qorti fit-8 ta' Gunju, 2000 u wara l-kawza giet mhollija ghas-sentenza "*limitatament dwar id-digriet imsemmi*".

B'sentenza preliminari tas-16 ta' Dicembru, 2003 riferibilment ghall-ewwel aggravju tas-socjeta` konvenuta appellanti din il-Qorti pprovdiet hekk: "tilqa' l-appell tas-socjeta` konvenuta limitatament ghat-talba ghar-revoka tad-digriet tat-8 ta' Gunju, 2000, billi ammettiet tali eccezzjoni, tichad l-istess appell inkwantu bazat fuq l-eccezzjoni tar-*res judicata,* billi din mhux gustifikata,…… Fic-cirkostanzi l-ispejjes tad-digriet tat-8 ta' Gunju, 2000 jkunu a kariku tas-socjeta` attrici appellata, mentri l-ispejjes ta' dan l-appell limitatament fuq l-ewwel aggravju, u cioe` fuq il-kwistjoni tal-eccezzjoni tar-*res judicata* jkunu a kariku tas-socjeta` konvenuta appellanti."

Ghalhekk illum jonqos li jigu kunsidrati l-aggravji l-ohra tas-socjeta` konvenuta appellanti.

Ikun utili, f'dan l-istadju, li jigi riprodott dak li qalet l-ewwel qorti fis-sentenza billi, kif jidher mill-mod kif gew impostati l-aggravji tas-socjeta` konvenuta, huwa proprju l-apprezzament li ghamlet l-ewwel qorti biex waslet ghad-decizjoni taghha li qed jigi mistharreg.

**“Inadempjenza kuntrattwali**

*“Il-konvenuti qed jissottomettu li huma m’ghandhomx jaghtu s-somma mitluba ghax kienet is-socjeta` attrici li kisret il-ftehim li kellhom u barra minn hekk l-atturi kienu accettaw li jitterminaw il-ftehim qabel ma kien ghadu beda jopera.*

*“Carmelo Penza xehed li kien sar ftehim datat erbgha (4) ta’ Mejju, 1994 a fol-22 fejn is-socjeta` attrici giet allokata hamsin (50) kamra ghall-uzu mill-kumpanija Sunspot ghal-perjodu indikat fil-ftehim.*

*Hu qal li qabel ma beda fis-sehh dan il-ftehim fix-xahar ta’ Ottubru, 1994, kien iddecieda li l-lukanda kellha bzonn urgenti ta’ refurbishing. Din id-decizjoni hadha fil-kwalita` tieghu ta’ managing director tal-kumpanija matul ix-xhur tas-sajf 1994. Ghalhekk hass il-bzonn li jiddiskutiha minnufih mar-rapprezentant tas-Sunspot Tours. Kien kellem lil Peter Sultana u dan kien accetta bla ebda riserva t-talba tieghu li jaghlaq il-lukanda ghal perjodu bejn is-sitta (6) ta’ Jannar, 1995 u l-ahhar ta’ Frar, 1995 sabiex jaghmel ix-xoghol ta’ refurbishing. Sultana kien talbu biex jitterminaw il-ftehim li kien ghadu fis-sehh ghas-Sajf 1994 u hu kien accetta t-talba ta’ Sultana li l-ftehim tas-sena ta’ qabel, li kellu jibqa’ ghaddej sa l-ahhar ta’ Settembru 1994 jigi terminat b’effett mill-ghoxrin (20) ta’ Awissu, 1994. Ftit granet wara pero` gie infurmat li l-kumpanija Sunspot Tours kienet marret lura fuq dan il-ftehim verbali li kellha u bdiet tinsisti li l-lukanda ma setghetx taghlaq ghal refurbishing sakemm jiskadi l-perjodu imsemmi fil-ftehim il-gdid. Hu m’accettax dan il-bdil fil-ftehim verbali li kellhom u kien ser jibqa’ sejjer bir-refurbishing.*

*“Minn naha taghhom l-atturi cahdu li huma kienu lahqu xi ftehim mal-konvenuti fis-sens li semma Penza. Peter Sultana xehed li ma kienx sar ftehim mal-konvenuti li l-lukanda taghlaq ghax kieku ma kienux jaccettaw il-bookings kollha ghax-xitwa.*

*“Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuti kienu dahlu fi ftehim ma’ l-atturi fejn dawn kellhom numru ta’ kmamar fil-Cartwheel Hotel allokati lilhom bil-prezzijiet miftehma,*

*ghall-perjodu mill-ewwel (1) ta' Novembru, 1994 sal-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru, 1995. (Dok a fol 4). A bazi ta' dana l-ftehim l-atturi kienu ghamlu promotions u dahlu bejn mitejn (200) sa tlett mitt (300) bookings konfermati. Imbaghad f'Ottubru 1994 is-Sur Penza infurmahom li l-lukanda kienet se taghlaq ghal refurbishing.*

*"Illi jirrizulta mid-dokumenti esibiti (ara fol 20 sa 48) li fil-fatt l-atturi kienu ghamlu dawn il-promotions – brochures u features – (fol. 28) u kellhom il-bookings li semmew u mhux verosimili u lanqas jaghmel sens li wara li jkollok dawn il-bookings taccetta ftehim kif semma Penza biex il-lukanda taghlaq fil-perijodu li ghandhek il-bookings. Il-korrispondenza ezibita turi li l-atturi ma kienux lesti li jaccettaw li l-lukanda taghlaq. Penza xehed li kien hemm ftehim verbali li l-atturi jitterminaw il-kuntratt qabel jibda jopera izda l-atturi cahdu li kien hemm ftehim verbali simili.*

*"Il-konvenuti ghamlu referenza ghall-ittra a fol. 82 fejn, fil-fehma taghhom, dina tikkonferma li l-atturi kienu accettaw dan il-ftehim. Izda, kif spjega Peter Sultana, dina kienet kwistjoni ohra li ma kelliex x'taqsam anzi xehed li din l-ittra tikkonferma li kellhom il-bookings ghax-xitwa. Hu xehed li kien talab release fuq xi kmamar billi l-kumpnaja taghhom fl-Ingilterra kienu bieghu s-seats kollha. Fl-ittra l-konvenuti qed jirrilaxxaw dawn il-kmamar u qalulu li "I am sure that Sunspot will continue to support the Cartwheel over the winter months", konferma li fix-xitwa kienu ser ikomplu ghaddejin u dak iz-zmien ma kienx hemm hsieb li taghlaq."*

**"Akkomodazzjoni alternattiva**

*"Il-konvenuti ssottomettew ukoll li l-kumpanija konvenuta qatt ma giet mitluba biex tipprovvdi akkomodazzjoni alternattiva.*

*"Carmelo Penza xehed li sa mill-ahhar ta' Dicembru, 194 hu qatt ma gie mitlub mill-atturi biex jalloggja l-klienti taghha skond il-ftehim. Hu setgha, kieku talbuh isibilhom akkomodazzjoni alternativa.*

*"Invece jirrizulta mid-dokument ezibit mill-atturi Dok PS4 a fol. 27 li fit-tlieta (3) ta' Ottubru, 1994 f'ittra miktuba minn Martin Bugeja, Managing Director ta' Sunspot, lill-istess Carmelo Penza, dan infurmah li "as a result of the sudden closure of the Hotel for refurbishment purposes, we are faced with an impossible situation of having to accommodate the clients who have already confirmed bookings during this period in alternative Hotel under similar terms as already contracted with your company." F'dawk ic-cirkostanzi l-atturi ma kellhomx alternattiva hlief "to hold you responsible for breach of contract and reserve our rights at law for any damages sustained as a result of the unilateral termination of the contract concluded between us." (ara wkoll ittra a fol 28).*

**Danni**

*"L-atturi qed jissottomettu li l-konvenuti m'accettawx li jsibulhom lukanda ohra u kellhom isibuha huma. Sabu lukanda f'Bugibba, Santa Marija, u poggew il-klienti hemm. Kien hemm differenza fir-rati bejn dawn il-lukandi. Huma ma rnexxilhomx jigbru d-differenza mill-klienti billi kienu marbutin maghhom b'kundizzjonijiet ohra. Il-lukanda tal-konvenuti baqghet maghluqa sa April, 1995. Il-konvenuti ma kienux hallsuhom id-differenza tal-prezz. Huma qed jippretendu LM8,839.26 (tmien telef, tmien mija u disgha u tletin liri Maltin u sitta u ghoxrin centezimu). Fosthom hemm LM588.30 (hames mija, tmienja u tmenin liri Maltin u tletin centezmu) compensation payment li kellhom jaghmlu barra minn Malta u imghax. (ara dok fol 20 u d-dokumenti ezibiti minn fol 88 sa 164)*

*"Illi ma saret ebda kontestazzjoni fuq l-ammonti mitluba."*

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

Dwar it-tieni aggravju u cioe` dak fejn qed jinghad li l-ewwel qorti naqset li tghamel apprezzament korrett dwar minn mill-kontendenti kien responsabbli ghall-inadempjenza kuntrattwali, jigi osservat li din il-Qorti qed tigi mitluba li tissindika il-konkluzzjonijiet ta' l-ewwel qorti raggunti fuq l-fatti in kawza. Dan l-ezercizzju mhux

permess sakemm ma tirrizultax mis-sentenza xi inkonsistenza tant gravi li tohloq pregudizzju serju ghall-parti li qed tressaq tali aggravju. Minn ezami tal-provi prodotti din il-Qort tasal biex tikkondividi l-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti fir-rigward tar-responsabbilita` liema konkluzzjoni giet espressa b'mod konciz u ezatt meta fis-sentenza appellata jinghad hekk:

*"Illi jirrizulta mid-dokumenti esibiti (ara fol 20 sa 48) li fil-fatt l-atturi kienu ghamlu dawn il-promotions – brochures u features – (fol. 28) u kellhom il-bookings li semmew u mhux verosimili u lanqas jaghmel sens li wara li jkollok dawn il-bookings taccetta ftehim kif semma Penza biex il-lukanda taghlaq fil-perijodu li ghandhek il-bookings. Il-korrispondenza ezibita turi li l-atturi ma kienux lesti li jaccettaw li l-lukanda taghlaq. Penza xehed li kien hemm ftehim verbali li l-atturi jitterminaw il-kuntratt qabel jibda jopera izda l-atturi cahdu li kien hemm ftehim verbali simili."*

Dan l-aggravju ghalhekk ma jidhirx gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

Dwar it-tielet aggravju din il-Qorti hija tal fehma li s-socjeta` appellanti mhix korretta meta qed issostni li ma saritx valutazzjoni korretta dwar il-pretensjoni ghad-danni. Infatti a fol. 7 tas-sentenza appellata l-ewwel qorti mhux biss ghamlet referenza ghad-dokumenti kollha li gew esibiti mis-socjeta` attrici u kif spjegati mix-xhud Peter Sultana, izda wkoll osservat, *in calce*, li ma kienet saret ebda kontestazzjoni fuq l-ammonti mitluba.

Jigi osservat ukoll fir-rigward li skond il-klawsola (9) tal-ftehim ossia kuntratt ta' allokazzjoni s-socjeta` konvenuta kienet obbligat ruhha li, f'kaz li hija tonqos milli tonora l-ftehim, tipprovdi akkomodazzjoni f'lukanda alternattiva tal-istess klassifika jew wahda superjuri. Jidher pero' li, kif sewwa osservat l-ewwel qorti, l-istess socjeta` attrici kienet rinfaccjata b'emergenza bhala rizultat tal-gheluq

tal-lukanda tas-socjeta` konvenuta, izda ghalkemm l-istess socjeta` attrici kitbet lis-socjeta` konvenuta fit-3 ta' Ottubru, 1994, liema ittra hija citata fis-sentenza appellata, ma jidhirx li qatt saret xi offerta minn naha tas-socjeta` konvenuta a tenur ta' l-obbligu fuq imsemmi.

**Ikkunsidrat:**

L-ahhar aggravju jirriferi ghal dak li jista jissejjah "double entry" billi qed jigi sottomess li l-ammont ta' LM588.30 "compensation payment" gie komputat darbtejn mill-ewwel qorti. Din l-allegazzjoni hija bazata fuq il-mod kif tinsab miktuba din il-parti tas-sentenza li hija kemm xejn infelici billi wara li ssemma l-ammont ta' LM8,839.26 l-ewwel qorti kompliet tghid li "Fosthom hemm LM588.30 compensation payment", izda dan il-lapsus ma jiggustifikax l-aggravju billi minn ezami tad-dokument a fol. 20 tal-process jidher car li dan l-ammont ma kienx inkluz fis-somma ta' LM8839.26 rappresentanti d-differenza fil-prezz pattwit mas-socjeta` konvenuta u dak realment imhallas mis-socjeta` attrici biex takkomoda l-klienti taghha f'lukanda alternattiva. Dan l-aggraju ghalhekk ukoll ma jidhirx gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija s-sentenza appellata qed tigi kkonfermata u konsegwentement l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi michud bl-ispejjes kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------